FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 21 ta' Dicembru, 2001**

**Numru 6**

**Avviz numru 1443/01JR**

**Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurance plc**

**vs**

**David Falzon**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fit-12 ta' Novembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), u fejn intqal: Illi fit-13 ta' Lulju, 2001 fi Triq il-Luq, Zabbar, il-vettura ABE-897 assikurata mal-kumpanija attrici, fil-waqt li kienet misjuqa mill-konvenut (l-assikurat) irriversjat u baqat diehla fil-karrozza ta' warajha;**

**Illi l-kumpanija attrici hallset id-danni konsegwenzjali. Il-konvenut, skond it-termini tal-polza mahruga favur tieghu mill-kumpanija attrici, ghandu jhallas de proprio s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) bhala "excess";**

**Illi huwa gie nterpellat biex ihallas din is-somma u sa anke intbatitlu ittra ufficjali fit-2 ta' Ottubru, 2001 izda ghal ta' xejn;**

**Ghalhekk il-kumpanija attrici qieghda titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-kumpanija attrici nomine is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) fuq imsemmija in konnessjoni mad-danni kagunati minnu fil-kollizzjoni fuq imsemmija;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali fuq imsemmija tat-2 ta' Ottubru, 2001, u bl-imghax ta' 8% fis-sena mid-data ta' l-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut imharrek ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. David Harding ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u**

jikkundanna lilll-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), bl-imghaxijiet legali mit-2 ta' Ottubru, 2001.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluz ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Ottubru, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo
GUDIKATUR